PARROĊĊA
SAN ĠILJAN

' duqu u taraw kemm hu tajjeb il-mulej ' salm 34:7

13 ta' Jannar 2025

Lill-Eċċellenza Tiegħu Reverendissima
Mons. Charles J. Scicluna
Arċisqof ta' Malta
Kurja Arċiveskovili
Furjana

26/2025 N6

Eċċellenza,

**Rikors tal-W.R. Kappillan Fr. Paul Mizzi, Kappillan ta' San Ġiljan**

Bir-rispett kollu qed nagħmel rikors f'isem l-Għaqda Dilettanti Knisja ta' Lapsi li hija VO reġistrata, sabiex ikunu jistgħu japplikaw għall-fondi li qed jiġu offruti mill-Kunsill Malti tal-Arti biex jiġi rrestawrat il-kwadru tal-Assunta li jinsab fis-sagristija tal-Knisja ta' Lapsi. Dan il-kwadru għandu bżonn restawrazzjoni urġenti b'mod speċjali n-naħa ta' isfel.

L-istess Għaqda għażlet lill-Atelier del Restauru biex jagħmlu ix-xogħol ta' restawr. Ma' dan ir-rikors qed tiġi annessa l-*Method Statement* u l-istima, kif ukoll l-istorja fil-qosor ta' dan il-kwadru.

Nitlob li jinħareġ digriet li jagħti permess biex isir dan ix-xogħol biex ikunu jistgħu japplikaw għal dawn il-fondi sa mhux aktar tard mit-28 ta' Jannar.

Għaldaqstant, ma' dan ir-Rikors għandek issib anness l-Approvazzjoni tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u tal-Kunsill Ekonomiku Parrokkjali.

Dan jiddependi mill-fondi li se jingħataw u jekk jingħataw.

Nitlob il-barka tiegħek.

**Fr. Paul Mizzi**
**Kappillan**

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Preżentat fil-Kurja Arċiveskovili
Illum 14 ta' Jannar 2025

Charles Buggeja, Kanċillier

Dok A: *Method Statement*
Dok B: Stima
Dok C: Storja fil-qosor
Dok D: Approvazzjoni Kunsill Pastorali Parrokkjali
Doc E: Approvazzjoni Kunsill Ekonomiku Parrokkjali

Uffiċċju Parrokkjali
115, Triq Lapsi
San Ġiljan STJ 1260
Malta

Tel: +356 21 380 270
http://www.stjuliansparish.org
Email: parrocca.san.giljan@maltadiocese.org

**Il-Kurja tal-Arċisqof**
**P.O. Box 1,**
**Il-Furjana FRN 1520.**
**MALTA.**

**26/2025**

# DIGRIET

Nilqgħu t-talba tar-Reverendu Dun Paul Mizzi, Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġiljan, rikorrent, fit-termini tar-relazzjoni tal-Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku.

Mogħti fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, il-Furjana, illum 1 ta' Frar 2025.

(ft) Charles Bugeja
Kanċillier

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

(ft) ✠ Joseph Galea Curmi
Isqof tit. ta' Cebarades
Vigarju Ġenerali

Kopja tal-oriġinal
Illum, 1 ta' Frar 2025

Fr. Charles Bugeja Kanċillier

CONFERENTIA
EPISCOPALIS
MELITENSIS

KUMMISSJONI PATRIMONJU KULTURALI
KATTOLIKU

27 ta' Jannar 2025

**Prot. N. 26/2025 - Parroċċa San Ġiljan**
**Restawr tal-Kwadru ta' l-Assunta li jinsab fis-sagristija tal-Knisja ta' Lapsi**

Għażiż Dun Charles,

Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, il-KPKK taqbel ma dan il-proġett ta' restawr.

Il-Kummissjoni titlob ukoll li wara li jkun intemm ir-restawr u l-konservazzjoni approvati, jiġi preżentat ukoll Rapport Finali tax-xogħlijiet li saru, pass pass, biex l-intervent ikun dokumentat bl-aħjar mod, kif mitlub minn Artiklu 7(5)(e) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tislijiet,

Rev. Dr André Zaffarese
Segretarju
Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

| | |
|---|---|
| **Isem tal-Parroċċa / Entita'** | Parroċċa San Ġiljan - Restawr ta' kwadru tal-Assunta li jinsab fis-Sagristija tal-Knisja Ta' Lapsi |
| **Numru tar-Rikors** | 026/2025 |
| **Numru tad-Digriet** | 046/2025 |
| **Data tad-Digriet** | 1 ta' Frar 2025 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Digriet** | | € 10.00 | ☐ | € 0.00 |

**Digrieti dwar proġett**

| | | Valur tal-Proġett | |
|---|---|---|---|
| Bejn €5,000 u €50,000 | 0.50% | €16,904.00 | € 84.52 |
| Bejn €50,001 u €100,000 | 0.40% | | € 0.00 |
| Il fuq minn €100,001 | 0.30% | | € 0.00 |

**Digrieti ta' Sanazzjoni**

| | | Valur tas-Sanazzjoni | |
|---|---|---|---|
| Bejn €5,000 u €50,000 | 1.50% | | € 0.00 |
| Bejn €50,001 u €100,000 | 1.20% | | € 0.00 |
| Il fuq minn €100,001 | 0.90% | | € 0.00 |
| | | | € 84.52 |

Numru tal-Call A/c ____________________

Numru tar-Riċevuta ____________________

L-ispejjeż tad-Digriet se jittieħdu mill-*call account.*

Fr. Charles Bugeja

Fr Charles Bugeja
Kanċillier

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS